MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 714/2002

**Megabyte Limited**

**vs**

**Ta’ Xbiex Lapins Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija, tnejn u disghin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1992.52,0) rapprezentanti prezz ta’ servizzi lis-socjeta’ konvenuta provduti mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri legali datati 3 ta’ Lulju 2002 u 26 ta’ Lulju 2002 u l-ittra ufficjali datata 29 ta’ Ottubru 2002 u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effttiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-22 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1992.52,0 bl-imghax legali mid-29 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tat-3 ta’ Lulju 2002 u tas-26 ta’ Lulju 2002 u ta’ dik ufficjali tad-29 ta’ Ottubru 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------